MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Rikors Numru. 542/2012

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti izzewget lill-intimat nhar il-11 ta' Awwissu 1990 (Vide  certifikat taz-zwieg Dok. A ) ;

Illi minn tali zwieg huma kellhom zewgt itfal, tifla bl-isem ta' L li twieldet fl-1 ta' Frar 1991 li llum hija maggorenni u tifel bl-isem ta' J li twieled fl-4 ta' Mejju 1998 li llum ghadu minorenni ;

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor fil-ligi Dr. Edward Flores fis-17 ta' Lulju 2007 (vide Dok. 'B') ;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn sena u nofs minn qabel ma gie ffirmat l-kuntratt u ghalhekk huma ilhom aktar minn erbgha snin ma jghixu flimkien ;

Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw ;

Illi l-manteniment versu l-minorenni qed jigi vversat b'mod regolari ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat illi gie ikkonfermata minnu bil-gurament, li in forza taghha ippremetta :

1. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Awissu, 1990;
2. Illi huwa minnu li l-partijiet ottenew is-separazzjoni personali nhar is-sbatax (17) ta' Lulju, 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Edward Flores;
3. Illi l-esponenti jiddikjara illi m'hemm possibilita' ta' rikonciljazzjoni;
4. Illi l-esponenti jiddikjara illi huwa jhallas regolarment il-manteniment ghall-minuri Joseph John;

Tant x'ghandu x'jissottometti umilment l-esponent;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta’ Lulju 2007 u ilhom separati de facto minn sena u nofs qabel ma gie iffirmat il-kuntratt fuq imsemmi;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------